

32006D1016

30.12.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 414/95

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Diċembru 2006

Li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew ta' l-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti barra mill-Komunità

(2006/1016/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 181a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Mill-1963 'l hawn il-Bank Ewropew ta' l-Investment (il-"BEI") wettaq operazzjonijiet barra mill-Komunità b'sostenn għal-linji politiċi esterni tal-Komunità.
- (2) Il-parti l-kbira minn dawk l-operazzjonijiet twettqu fuq it-talba tal-Kunsill u bbenefikaw minn garanzija baġitarja Komunitarja li ġiet amministrata mill-Kummissjoni. L-iktar reċentement, il-garanzija Komunitarja ġiet stabbilita għall-perjodu 2000-2007 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew ta' l-Investment kontra t-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u dik tal-Lvant, il-pajjiżi Mediterranji, l-Amerika Latina u l-Asja u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel) ⁽²⁾ u permezz tad-Deċiżjonijiet 2001/777/KE ⁽³⁾ u 2005/48/KE ⁽⁴⁾ għal azzjonijiet ta' self reġjonalment speċifiċi.
- (3) Bil-ħsieb li tiġi sostnuta l-azzjoni esterna ta' l-UE mingħajr ma jintlaqat il-mertu ta' kreditu tal-BEI, il-BEI għandu jkun offrut garanzija baġitarja Komunitarja għall-operazzjonijiet imwettqa barra mill-Komunità. Il-BEI għandu jkun inkoraġġut sabiex iżid l-operazzjonijiet tiegħu barra mill-Komunità mingħajr ma jirrikorri għall-garanzija Komunitarja, b'mod partikolari fil-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni u fil-Mediterran kif ukoll f'pajjiżi ta' grad ta' investment f'reġjuni oħra, filwaqt li n-natura tal-kopertura tal-garanzija Komunitarja għandha tkun iċċarata bħala waħda li tkopri riskji ta' natura politika jew sovrana.
- (4) Il-garanzija Komunitarja għandha tkopri t-telf minn self u garanziji għal self għall-proġetti eliġibbli ta' investment

tal-BEI li twettqu f'pajjiżi koperti mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni ⁽⁵⁾ (l-"IPA"), l-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija ⁽⁶⁾ (l-"ENPI") u l-Istrument ta' Koperazzjoni għall-Iżvilupp (id-"DC"), fejn il-finanzjament jew garanzija ngħataw skond ftehim iffirmat li la skada u lanqas ġie kkanċellat (l-"Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI").

- (5) Huwa meħtieġ li l-ammonti koperti mill-Garanzija Komunitarja taħt din id-Deċiżjoni jirrappreżentaw limiti għall-finanzjament mill-BEI taħt il-garanzija Komunitarja. M'għandhomx jikkostitwixxu miri li l-BEI għandu neċessarjament jilħaq.
- (6) Il-linji politiċi dwar ir-relazzjonijiet esterni ta' l-UE ġew riveduti u mwessa' fl-aħħar snin. Dan kien speċjalment il-każ għall-Istrateġija ta' Qabel l-Adeżjoni kif stabbilita fid-Dokument ta' Strateġija tat-Tkabbir ta' l-2005 tal-Kummissjoni għall-Politika Ewropea dwar il-Viċinat, kif stabbilita fid-Dokument ta' Strateġija tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2004, għas-sħubiji mġedda ma' l-Amerika Latina u max-Xlokk ta' l-Asja u għas-Sħubija Strateġika ta' l-UE mar-Russja, maċ-Ċina u ma' l-Indja.
- (7) Mill-2007, ir-relazzjonijiet esterni ta' l-UE ser ikunu sostnuti wkoll mill-istrumenti finanzjarji l-ġodda, jiġifieri, l-IPA, l-ENPI, id-DCI u l-Istrument għall-Istabbiltà ⁽⁷⁾.
- (8) Huwa meħtieġ li l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ikunu konsistenti mal-linji politiċi esterni ta' l-UE, inklużi l-oġġettivi reġjonali speċifiċi. Permezz ta' koerenza ġenerali ma' l-azzjonijiet ta' l-UE, il-finanzjament tal-BEI għandu jkun komplementari għal-linji politiċi, programmi u strumenti ta' l-assistenza Komunitarja korrispondenti fir-reġjuni differenti. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li l-protezzjoni ta' l-ambjent u s-sigurta ta' l-enerġija ta' l-Istati Membri jiffurmaw parti mill-oġġettivi ta' finanzjament tal-BEI fir-reġjuni eliġibbli kollha. Huwa meħtieġ li l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI iseħħu f'pajjiżi li jikkonformaw ma' kondizzjonijiet xierqa li jkunu konsistenti ma' ftehim ta' l-UE ta' livell għoli dwar aspetti politiċi u makro-ekonomiċi.

⁽¹⁾ Opinjoni tat-30 ta' Novembru 2006 (għadha mhijiex publikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2006/174/KE (ĠU L 62, 3.3.2006, p. 26).

⁽³⁾ ĠU L 292, 9.11.2001, p. 41.

⁽⁴⁾ ĠU L 21, 25.1.2005, p. 11.

⁽⁵⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

⁽⁶⁾ Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 2006 (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).

⁽⁷⁾ Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1).

- (9) Id-djalogu dwar l-orjentazzjoni ta' linji politiċi bejn il-Kummissjoni u l-BEI, kif ukoll l-ippjanar strateġiku u l-koerenza bejn il-finanzjament mill-BEI u l-Kummissjoni, għandhom jissaħħu. Il-konnessjoni bejn l-attivitajiet tal-BEI barra mill-Komunità u l-linji politiċi ta' l-UE għandha tissaħħaħ permezz ta' koperazzjoni mtejba bejn il-BEI u l-Kummissjoni fil-livell ċentrali, kif ukoll fil-livell lokali. Tali koordinazzjoni msaħħa għandha tinkludi, *inter alia*, konsultazzjoni reċiproka bikrija fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' politika, ta' preparazzjoni ta' dokumenti ta' importanza reċiproka u ta' proġetti fi stat ta' tfassil. Ser tkun ta' importanza partikolari l-konsultazzjoni bikrija dwar id-dokumenti ta' programmazzjoni strateġika ppreparati mill-Kummissjoni jew mill-BEI sabiex is-sinerġiji bejn l-attivitajiet tal-BEI u tal-Kummissjoni jiġu massimizzati u jitkejjel il-progress lejn l-oġettivi rilevanti tal-politika ta' l-UE.
- (10) Fir-rigward tal-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, il-finanzjament tal-BEI f'dawk il-pajjiżi għandu jirrifletti l-prijoritajiet stabbiliti fis-Sħubiji għall-Adeżjoni u dawk Ewropej, fil-ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u fin-negozjati ma' l-UE. L-attenzjoni ffokata fuq l-azzjoni ta' l-UE fil-Balkani tal-Punent għandha tkompli tiġi trasposta progressivament minn sostenn għar-rikostruzzjoni għal sostenn ta' qabel l-adeżjoni. F'dan il-kuntest, l-attività tal-BEI għandha tfittex ukoll li tinkoraġġixxi l-aspett tal-bini ta' l-istituzzjonijiet, fejn dan ikun rilevanti, f'koperazzjoni ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali oħra (l-"IFI") attivi fir-reġjun. Matul il-perjodu 2007-2013, il-finanzjament lill-pajjiżi kandidati (il-Kroazja, it-Turkija u r-Repubblika ex-Jugoslava tal-Maċedonja) għandu jseħħ dejjem aktar taħt il-Faċilità ta' Qabel l-Adeżjoni li saret disponibbli mill-BEI, li għandha tiġi estiża maż-żmien sabiex tkopri l-pajjiżi kandidati potenzjali fil-Balkani tal-Punent skond il-progress tal-proċess ta' l-adeżjoni tagħhom.
- (11) Fir-rigward ta' pajjiżi koperti mill-ENIP, l-BEI għandu jkompli u jikkonsolida l-attivitajiet tiegħu fir-reġjun Mediterran billi jsaħħaħ il-fokus tiegħu fuq l-iżvilupp tas-settur privat. F'dan ir-rigward, il-koperazzjoni mill-pajjiżi msieħba għall-iffaċilitar ta' l-iżvilupp fis-settur privat u l-inkoraġġiment tar-riforma strutturali, b'mod partikolari r-riforma fis-settur finanzjarju, hi meħtieġa, kif ukoll miżuri oħrajn għall-iffaċilitar l-attivitajiet tal-BEI, b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat li l-BEI ikun jista' jgħid bonds fis-swieq lokali. Rigward l-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu t'Isfel u r-Russja, il-BEI għandu jsaħħaħ l-attivitajiet tiegħu fil-pajjiżi kkonċernati b'mod konformi mal-kondizzjonalità xierqa konsistenti mal-ftehim ta' l-UE fuq livell għoli mal-pajjiż in kwistjoni dwar aspetti politiċi u makro-ekonomiċi. F'dan ir-reġjun, il-BEI għandu jiffinanzja proġetti ta' interess sinifikattiv għall-UE fl-infrastruttura tat-trasport, ta' l-enerġija, tal-mezzi ta' telekomunikazzjoni u ta' l-ambjent. Għandha tingħata prijorità lil proġetti fuq l-assi ewlenin estiżi tan-Netwerk Trans Ewropej, proġetti b'implikazzjonijiet transkonfinali għal Stat Membru wieħed jew aktar u proġetti prinċipali li jiffavorixxu l-integrazzjoni reġjonali permezz ta' konnettività akbar. Fis-settur ambjentali, fir-Russja l-BEI għandu jagħti prijorità partikolari lill-proġetti fi ħdan il-qafas tas-Sħubija Ambjentali tad-Dimensjoni tat-Tramuntana. Fis-settur ta' l-enerġija, huma ta' importanza partikolari l-proġetti strateġiċi għall-provvista ta' l-enerġija u għat-transport ta' l-enerġija. L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI f'dan ir-reġjun għandhom jitwettqu f'koperazzjoni mill-qrib mal-Bank Ewropej għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp ("l-EBRD"), b'mod partikolari skond it-termini li jridu jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Ftehim tripartitiku bejn il-Kummissjoni, il-BEI u l-EBRD.
- (12) Il-finanzjament tal-BEI fil-pajjiżi Asjatiċi u ta' l-Amerika Latina ser ikun progressivament allinjat ma' l-istrateġija ta' koperazzjoni ta' l-UE f'dawk ir-reġjuni u ser ikun komplementari għall-istrumenti ffinanzjati minn riżorsi baġitarji tal-Komunità. Il-BEI għandu jagħmel ħiltu sabiex jespandi progressivament l-attivitajiet tiegħu fuq numru akbar ta' pajjiżi f'dawk ir-reġjuni, inkluż fil-pajjiżi l-inqas prosperi. Bħala appoġġ għall-oġettivi ta' l-UE, l-finanzjament tal-BEI fil-pajjiżi Asjatiċi u ta' l-Amerika Latina għandu jiffoka fuq is-sostenibbiltà ambjentali (inkluża l-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima) u l-proġetti dwar is-sigurtà ta' l-enerġija, kif ukoll is-sostenn kontinwu lill-preżenza ta' l-UE fl-Asja u l-Amerika Latina permezz ta' Investiment Barrani Dirett, u t-trasferiment ta' teknoloġija u ta' kapaċitajiet. B'kont meħud tal-kost-effiċjenza, il-BEI għandu jkun jista' jaħdem ukoll direttament ma' kumpanniji lokali, b'mod partikolari fil-qasam tas-sostenibbiltà ambjentali u s-sigurtà ta' l-enerġija. Ir-reviżjoni ta' nofs it-term ser teżamina mill-ġdid l-oġettivi tal-finanzjament tal-BEI fl-Asja u l-Amerika Latina.
- (13) Huwa kunsiljabbli li fl-Asja Ċentrali, il-BEI jiffoka fuq il-proġetti prinċipali tal-provvista ta' l-enerġija u tat-trasport ta' l-enerġija b'implikazzjonijiet transkonfinali. Huwa kunsiljabbli li l-finanzjament tal-BEI fl-Asja Ċentrali jitwettaq f'koperazzjoni mill-qrib ma' l-EBRD, b'mod partikolari skond it-termini li għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Ftehim tripartitiku bejn il-Kummissjoni, il-BEI u l-EBRD.
- (14) Sabiex jiġu komplementati l-attivitajiet tal-BEI taħt il-Ftehim ta' Kotonu għall-pajjiżi tal-AKP, l-Afrika t'Isfel, huwa kunsiljabbli li l-BEI jiffoka fuq proġetti ta' infrastruttura ta' interess pubbliku (inklużi infrastruttura muniċipali, provvista ta' l-enerġija u ta' l-ilma) u fuq is-sostenn lis-settur privat, inklużi l-SMEs. L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-koperazzjoni ekonomika taħt il-Ftehim ta' Koperazzjoni Kummerċjali u għall-Iżvilupp bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel ser tippromwovi aktar l-attivitajiet tal-BEI f'dan ir-reġjun.
- (15) Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-koerenza tas-sostenn globali ta' l-UE fir-reġjuni kkonċernati, huwa kunsiljabbli li jiġu esplorati opportunitajiet sabiex il-finanzjament tal-BEI jiġi kombinat mar-riżorsi baġitarji ta' l-UE kif xieraq, fil-forma ta' sostenn għall-għotjiet, ta' kapital ta' riskju u ta' sussidju għar-rati ta' l-imgħax, flimkien ma' assistenza teknika għall-preparazzjoni, l-implimentazzjoni jew it-titjib ta' proġetti jew tisħiħ tal-qafas legali u regulatorju, permezz ta' l-IPA, l-ENPI, l-Istrument għall-Istabbiltà u, għall-Afrika t'Isfel, id-DCI.

(16) Il-BEI diġà jikkopera mill-qrib ma' l-IFI u ma' istituzzjonijiet bilaterali Ewropej. Din il-koperazzjoni hija ggwidata minn Memoranda ta' Ftehim speċifiċi għar-reġjuni, li għandhom jiġu approvati mill-korpi regolatorji tal-BEI. Fl-operazzjonijiet ta' finanzjament tiegħu barra mill-UE li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-BEI għandu jagħmel ħiltu sabiex itejjeb aktar il-koordinazzjoni u l-koperazzjoni ma' l-IFI u ma' l-istituzzjonijiet bilaterali Ewropej fejn ikun rilevanti, inkluż, fejn xieraq, koperazzjoni dwar il-kondizzjonalità tas-settur, użu akbar tal-ko-finanzjament u parteċipazzjoni ma' IFI oħra finizjattivi globali, bħal dwak li jipromwovu l-koordinazzjoni u l-effiċjenza ta' l-għajjnuna.

(17) Huwa meħtieġ li r-rappurtar mill-BEI u mill-Kummissjoni dwar l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI jissaħħaħ. Abbażi ta' l-informazzjoni li tasal mingħand il-BEI, il-Kummissjoni għandha tirrapporta, fuq bażi annwali, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI imwettqa taħt din id-Deċiżjoni. Huwa meħtieġ li r-rapport, b'mod partikolari, jinkludi taqsima dwar valur miżjud skond il-linji politiċi ta' l-UE, u taqsima dwar il-koperazzjoni mal-Kummissjoni, IFI oħra u donaturi bilaterali, inkluż dwar ko-finanzjament.

(18) Huwa meħtieġ li l-garanzija Komunitarja stabbilita permezz ta' din id-Deċiżjoni tkopri l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI iffirmati matul perjodu li jibda fl-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013. Sabiex ikunu jistgħu jwieżnu l-iżviluppi matul l-ewwel nofs ta' dak il-perjodu, huwa meħtieġ li l-BEI u l-Kummissjoni jippreparaw reviżjoni ta' nofs it-term tad-Deċiżjoni. Huwa meħtieġ li din ir-reviżjoni b'mod partikolari tinkludi evalwazzjoni esterna li t-termini ta' referenza tagħha jkunu speċifikati fl-Anness II.

(19) Huwa meħtieġ li l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ikompli jiġu ġestiti skond ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI stess, inklużi miżuri adegwati ta' kontroll, kif ukoll permezz tar-regoli u tal-proċeduri rilevanti li jikkonċernaw il-Qorti ta' l-Awdituri u l-OLAF.

(20) Huwa meħtieġ li l-Fond ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna (il-“Fond ta' Garanzija”), stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994, ikompli jipprovdri riserva ta' likwidità għall-baġit Komunitarju kontra t-telf minn Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ⁽¹⁾.

(21) Huwa meħtieġ li l-BEI jipprepara, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, programm pluriennali indikattiv tal-volum ta' firem ta' Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI, sabiex jiġi żgurat pjan baġitarju adegwat għall-approvvigjonament tal-Fond ta' Garanzija. Huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tiegħu kont ta' dan il-pjan fil-programmazzjoni baġitarja regolari tagħha trasmessa lill-awtorità baġitarja,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Garanzija u limiti massimi

1. Il-Komunità għandha tagħti lill-Bank Ewropew ta' l-Investment (il-“BEI”) garanzija globali (il-“garanzija Komunitarja”) fir-rigward ta' ħlasijiet li ma jkunux saru lill-BEI, iżda li jkunu dovuti lilu, fir-rigward ta' self u ta' garanziji għal self għal proġetti ta' investiment tal-BEI eliġibbli mwettqa fil-pajjiżi koperti minn din id-Deċiżjoni, fejn il-finanzjament jew il-garanzija għas-self imsemmi nġataw skond ftehim iffirmit li la skada u lanqas ma ġie mħassar (l-“Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI”) u nġataw skond ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI stess u b'sostenn għall-oġettivi rilevanti tal-politika esterna ta' l-Unjoni Ewropea.

2. Il-garanzija Komunitarja għandha tiġi ristretta għal 65 % ta' l-ammont aggregat tal-krediti mogħtija u tal-garanziji pprovduti taħt l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI, bit-tnaqqis ta' l-ammonti rrimborsati, flimkien mas-somom relatati kollha.

3. Il-limitu massimu ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI tul il-perjodu msemmi fil-paragrafu 6, bit-tnaqqis ta' l-ammonti kkanċellati, m'għandux jeċċedi EUR 27 800 miljun. Dan il-limitu massimu għandu jitqassam f'żewġ partijiet:

(a) limitu bażiku ta' ammont massimu fiss ta' EUR 25 800 miljun, inkluża d-distribuzzjoni reġjonali tiegħu definita fil-paragrafu 4, sabiex ikopri l-perjodu kollu msemmi fil-paragrafu 6;

(b) mandat fakultattiv ta' EUR 2 000 miljun L-attivazzjoni komplementa jew parzjali ta' dan l-ammont fakultattiv u d-distribuzzjoni reġjonali tiegħu ser tiġi deċiża mill-Kunsill skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 181a(2) tat-Trattat. Id-deċiżjoni ser tkun ibbażata fuq ir-riżultat tar-reviżjoni ta' nofs it-term imniżżla fl-Artikolu 9.

⁽¹⁾ ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1, Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28).

4. Il-limitu bażiku msemmi fil-paragrafu 3(a) għandu jitqas-sam fil-limiti reġjonali li jorbtu li ġejjin:

- (a) Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni: EUR 8 700 miljun;
- (b) Pajjiżi tal-Viċinat u tas-Sħubija: EUR 12 400 miljun;

mqassam fis-sub-limiti indikattivi li ġejjin:

- (i) il-Mediterran: EUR 8 700 miljun
- (ii) l-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu t'Isfel u r-Russja: EUR 3 700 miljun
- (ċ) L-Asja u l-Amerika Latina: EUR 3 800 miljun;

mqassam fis-sub-limiti indikattivi li ġejjin:

- (i) l-Amerika Latina: EUR 2 800 miljun
- (ii) l-Asja: EUR 1 000 miljun
- (d) Ir-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel: EUR 900 miljun.

5. Fil-limiti reġjonali, il-korpi governattivi tal-BEI jistgħu jiddeċiedu li jiġi allokat ammont ta' sa 10 % tal-limiti reġjonali bejn is-sub-limiti.

6. Il-garanzija Komunitarja għandha tkopri l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI iffirmati matul il-perjodu li jibda fl-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013.

7. Jekk, ma' l-iskadenza tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 6, il-Kunsill ma jkunx adotta deċiżjoni li tagħti Garanzija Komunitarja ġdida lill-BEI għall-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tiegħu barra mill-Komunità, dak il-perjodu għandu awtomatikament jiġi estż b'sitt xhur.

Artikolu 2

Pajjiżi koperti

1. Il-lista ta' pajjiżi eliġibbli jew potenzjalment eliġibbli għal finanzjament mill-BEI taħt garanzija Komunitarja hija stabbilita fl-Anness I.

2. Għall-pajjiżi elenkati fl-Anness I u mmarkati bi "*" u għal pajjiżi mhux elenkati fl-Anness I, l-eliġibbiltà ta' tali pajjiż għall-finanzjament mill-BEI taħt garanzija Komunitarja għandha tiġi deċiża mill-Kunsill fuq bażi ta' każ b'każ skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 181a(2) tat-Trattat.

3. Il-garanzija Komunitarja għandha tkopri biss l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI imwettqa f'pajjiżi li kkonkludew ftehim kwadru mal-BEI li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet legali taħt liema tali Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI għandhom jitwettqu.

4. Fil-każ ta' tħassib serju dwar is-sitwazzjoni politika jew ekonomika f'pajjiż speċifiku, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jissospendi finanzjament ġdid tal-BEI taħt garanzija Komunitarja f'dak il-pajjiż konformement mal-proċedura prevista fl-Artikolu 181a(2) tat-Trattat.

5. Il-garanzija Komunitarja m'għandhiex tkopri l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI f'pajjiż speċifiku, meta l-ftehim li jikkonċerna tali Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ġie ffirmat wara l-adeżjoni ta' dak il-pajjiż ma' l-UE.

Artikolu 3

Konsistenza mal-linji politiċi ta' l-Unjoni Ewropea

1. Il-konsistenza ta' l-azzjonijiet esterni tal-BEI ma' l-oġġettivi tal-politika esterna ta' l-Unjoni Ewropea għandha tissaħħa bil-ħsieb li jiġu massimizzati s-sinerġiji tal-finanzjament tal-BEI u r-riżorsi baġitarji ta' l-Unjoni Ewropea, speċjalment permezz ta' djalogo regolari u sistematiku u konsultazzjoni bikrija dwar:

- (a) dokumenti strateġiċi ppreparati mill-Kummissjoni, bħal dokumenti ta' strateġija skond il-pajjiż u skond ir-reġjun, pjanijiet ta' azzjoni u dokumenti ta' qabel l-adeżjoni;
- (b) id-dokumenti ta' pplanar strateġiku u l-proġetti li qed jithej-jew tal-BEI;
- (ċ) aspetti oħra ta' politika u operattivi.

2. Il-koperazzjoni għandha titwettaq fuq bażi reġjonalment differenzjata, fejn jitqiesu r-rwol tal-BEI kif ukoll il-linji politiċi ta' l-Unjoni Ewropea f'kull reġjun.

3. Operazzjoni ta' Finanzjament tal-BEI ma tiġix inkluża taħt il-kopertura tal-garanzija Komunitarja f'każ li l-Kummissjoni tagħti opinjoni negattiva dwar tali operazzjoni fi ħdan il-qafas tal-proċedura prevista fl-Artikolu 21 ta' l-Istatuti tal-BEI.

4. Il-konsistenza ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ma' l-oġġettivi tal-politika esterna ta' l-Unjoni Ewropea għandha tkun monitorjata skond l-Artikolu 6.

Artikolu 4

Koperazzjoni ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali oħra

1. L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI għandhom jittwettqu dejjem aktar, fejn ikun xieraq, f'koperazzjoni bejn u/jew permezz ta' ko-finanzjament mill-BEI u mill-IFI l-oħra, jew l-istituzzjonijiet bilaterali Ewropej, sabiex jiġu massimizzati sinerġiji, koperazzjoni u effiċjenza u sabiex jiġi żgurat qsim raġonevoli tar-riskji u kondizzjonalità koerenti tal-proġett u tas-settur.
2. Din il-koperazzjoni għandha tiġi ffaċilitata permezz ta' koordinazzjoni, mwettqa speċjalment fil-kuntest ta' Memoranda ta' Ftehim, fejn ikun xieraq, bejn il-Kummissjoni, il-BEI u l-IFI u l-istituzzjonijiet bilaterali Ewropej prinċipali li joperaw fir-reġjuni differenti.
3. Il-koperazzjoni ma' l-IFI u donaturi oħra għandha tiġi vvalutata fir-reviżjoni ta' nofs it-term stabbilita fl-Artikolu 9.

Artikolu 5

Kopertura u termini tal-Garanzija Komunitarja

1. Għall-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI konklużi ma' Stat jew garantiti minn Stat, u għall-Operazzjonijiet ta' Finanzjament l-oħra tal-BEI konklużi ma' l-awtoritajiet reġjonali jew lokali jew ma' intrapriżi pubbliċi jew istituzzjonijiet tal-gvern u/jew ikkontrollati mill-gvern, fejn tali Operazzjonijiet ta' Finanzjament oħra tal-BEI ikollhom valutazzjoni adegwata tar-riskju tal-kreditu tal-BEI b'kont meħud tas-sitwazzjoni tar-riskju tal-kreditu tal-pajjiż ikkonċernat, il-garanzija Komunitarja għandha tkopri l-ħlasijiet kollha li ma jkunux saru lill-BEI, iżda li jkunu dovuti lilu (il-“Garanzija Komprensiva”).

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u ta' l-Artikolu 6(4), il-kunċett ta' Stat jinkludi x-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, kif rappreżentati mill-Awtorità Palestinjana, u l-Kosovo, kif rappreżentat mill-Missjoni ta' Amministrazzjoni Interim tan-NU.

2. Għall-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI diversi minn dawk indikati fil-paragrafu 1, il-garanzija Komunitarja għandha tkopri l-ħlasijiet kollha li ma jkunux saru lill-BEI, iżda li jkunu dovuti lilu, fejn in-nuqqas ta' ħlas ġie kkawżat mir-realizzazzjoni ta' wieħed mir-riskji politiċi li ġejjin (il-“Garanzija tar-Riskju Politiku”):

- (a) non-trasferiment tal-munita;
- (b) esproprijazzjoni;
- (ċ) gwerra jew irvell ċivili;
- (d) każda ta' ġustizzja konsegwentement għal xi ksur ta' kuntratt.

Artikolu 6

Rappurtar u kontabbiltà

1. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI imwettqa skond din id-Deċiżjoni. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni ta' l-impatt u l-effikaċja ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI fil-livell ta' proġett, settur, pajjiż u dak reġjonali kif ukoll tal-kontribut ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika esterna ta' l-Unjoni Ewropea, b'kont meħud ta' l-oġettivi operattivi tal-BEI. Huwa għandu jinkludi wkoll valutazzjoni tal-grad ta' koperazzjoni bejn il-BEI u l-Kummissjoni u bejn il-BEI u donaturi bilaterali.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'rapporti annwali dwar l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI imwettqa taħt din id-Deċiżjoni u dwar il-kisba ta' l-oġettivi tal-politika esterna ta' l-Unjoni Ewropea, inkluża l-koperazzjoni ma' IFI oħra.

3. Il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'data ta' statistika, finanzjarja u ta' kontabbiltà dwar kull waħda mill-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI skond kif ikun meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati d-dmirijiet tagħha ta' rappurtar jew it-talbiet mill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri kif ukoll b'ċertifikat ta' awditur dwar l-ammonti pendenti ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI.

4. Għall-finijiet tal-kontabbiltà u tar-rappurtar tal-Kummissjoni dwar ir-riskji koperti mill-Garanzija Komprensiva, il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'informazzjoni tal-BEI dwar il-valutazzjoni tar-riskji u dwar gradazzjoni li tikkonċerna l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ma' min jissellef jew ma' obbligaturi garantiti diversi minn Stati.

5. Il-BEI għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 bi spejjeż tiegħu.

Artikolu 7

Irkupru tal-ħlasijiet magħmula mill-Kummissjoni

1. Jekk il-Kummissjoni tagħmel xi ħlas taħt il-garanzija Komunitarja, il-BEI għandu, għan-nom ta' u' fisem il-Kummissjoni, ifit-tex l-irkupru tal-prensjonijiet għall-ammonti mħallsa.

2. Il-BEI u l-Kummissjoni għandhom jidħlu fi ftehim li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri dettaljati relatati ma' l-irkupru tal-prensjonijiet sa mhux aktar tard mid-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 8.

*Artikolu 8***Ftehim ta' garanzija**

Il-BEI u l-Kummissjoni għandhom jidħlu fi ftehim ta' garanzija li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri dettaljati relatati mal-garanzija Komunitarja.

*Artikolu 9***Reviżjoni tad-Deċiżjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew rapport ta' nofs it-term dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010 akkumpanjat, skond il-każ, permezz ta' proposta għall-emendament tiegħu, li tirriferi għal evalwazzjoni esterna li t-termini ta' referenza tagħha huma speċifikati fl-Anness II ma' din id-Deċiżjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport finali dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sal-31 ta' Lulju 2013.

*Artikolu 10***Applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

ANNEX I

Reġjuni u pajjiżi koperti mill-Artikolu 1

A. PAJJIŻI TA' QABEL L-ADEŻJONI

(1) Pajjiżi kandidati

Il-Kroazja, it-Turkija, Dik li qabel Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

(2) Pajjiżi kandidati potenzjali

L-Albanija, il-Bosnja u Herzegovina, il-Montenegro, is-Serbja, il-Kosovo skond ir-Riżoluzzjoni 1244(1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

B. PAJJIŻI TAL-VIĊINAT U TA' SĦUBIJA

(1) Il-Mediterran

L-Alġerija, l-Eġittu, ix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Lebanon, il-Libja*, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija.

(2) L-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu t'Isfel u r-Russja

L-Ewropa tal-Lvant: il-Moldova, l-Ukraina, il-Belarus*;

Il-Kawkasu t'Isfel: l-Azerbajġan*, il-Ġeorġja, l-Armenja*

Ir-Russja: ir-Russja.

Ċ. L-ASJA U L-AMERIKA LATINA

(1) L-Amerika Latina

L-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċili, il-Kolumbja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, El Salvador, il-Gwatemala, il-Honduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, l-Urugwaj, il-Venezwela.

(2) L-Asja

L-Asja (mingħajr l-Asja Ċentrali):

L-Afganistan*, il-Bangaladexx, il-Bhutan*, il-Kambodja*, iċ-Ċina (inklużi Hong Kong u r-Reġjuni Amministrattivi Speċjali tal-Makaw), l-Indja, l-Indoneżja, l-Iraq*, il-Korea t'Isfel, il-Laos, il-Malasja, il-Maldive, il-Mongolja, in-Nepal, il-Pakistan, il-Filippini, Singapor, is-Sri Lanka, it-Tajwan*, it-Tajlandja, il-Vjetnam, il-Jemen.

L-Asja Ċentrali:

Il-Kazakistan*, il-Krigiżtan*, it-Taġikistan*, it-Turkmenistan*, l-Uzbekistan*.

D. L-AFRIKA T'ISFEL

L-Afrika t'Isfel

ANNEX II

Reviżjoni ta' nofs it-term u termini ta' referenza għall-evalwazzjoni tal-mandat estern tal-BEI

Reviżjoni ta' nofs it-term

Sa l-2010 ser issir reviżjoni sostantiva ta' nofs it-term tal-finanzjament estern tal-BEI. Din ir-reviżjoni, li ser tkun infurmata bis-sħiħ minn evalwazzjoni esterna indipendenti li għandha tintbagħat lill-Kunsill, ser tipprovdi l-bażi għal deċiżjoni mill-Istati Membri u safejn jinħareġ mandat fakultattiv li jżid self possibbli fil-perjodu wara l-2010 f'tieni stadju, jekk għandhomx isiru emendi oħra għall-mandat, u kif jiġi żgurat valur miżjud u effiċjenza massimi fl-operazzjonijiet tal-BEI. Il-Kummissjoni ser tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ir-reviżjoni ta' nofs it-term sa sat-30 ta' Ġunju 2010, bħala l-bażi għal kwalunkwe proposta għall-emendar tal-mandat. Il-Kunsill ser jiddeċiedi kif meħtieġ wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew.

Il-qafas ta' l-evalwazzjoni

Din ser tinkludi:

- a. evalwazzjoni ta' l-attivitajiet ta' finanzjament estern tal-BEI. Partijiet mill-evalwazzjoni se jrin isiru f'koperazzjoni mad-dipartimenti ta' l-evalwazzjoni tal-BEI u tal-Kummissjoni;
- b. valutazzjoni ta' l-impatt aktar ġenerali tas-self estern tal-BEI dwar interazzjoni ma' IFI oħrajn u sorsi oħra ta' finanzjament.

L-evalwazzjoni ser tiġi sorveljata u amministrata minn kumitat ta' tmexxija, li jinkludi diversi "persuni għorrief" maħtura mill-Bord tal-Gvernaturi tal-BEI, rappreżentanti tal-BEI u tal-Kummissjoni. Il-kumitat ta' tmexxija ser ikun ippresjedut minn tali "persuna għarfa". Huwa ser isejjaħ laqgħa sa mhux aktar tard mill-ewwel semestru ta' l-2008.

Il-kumitat ta' tmexxija ser jiġi appoġġat mid-dipartimenti ta' l-evalwazzjoni tal-BEI u tal-Kummissjoni u minn esperti esterni. Dawn l-esperti esterni se jrin jintgħażlu permezz ta' proċess ta' sejħiet għal offerti tal-Kummissjoni. Il-kumitat ta' tmexxija ser jiġi kkonsultat dwar it-termini ta' referenza u dwar il-kriterji għall-għażla ta' l-esperti esterni. L-ispejjeż għall-esperti esterni imbagħad se jrin jitħallsu mill-Kummissjoni u ser jiġu koperti mill-linja baġitarja ddedikata għall-proviżjon tal-Fond ta' Garanzija.

Ir-rapport finali ta' evalwazzjoni ppreżentat mill-kumitat ta' tmexxija ser jagħmel konklużjonijiet ċari, ibbażati fuq l-informazzjoni miġbura, sabiex ikun hemm bażi għad-deċiżjoni tar-reviżjoni ta' nofs it-term dwar jekk għandhux jiġi rilaxxat l-porzjon fakultattiv għall-bqija tat-term tal-mandat u dwar id-distribuzzjoni reġjonali ta' kwalunkwe finanzjament addizzjonali.

L-ambitu ta' l-evalwazzjoni

L-evalwazzjoni ser tkopri l-mandati preċedenti (2000-2006) u l-ewwel snin tal-mandat 2007-2013 sa nofs l-2009. Hija ser teżamina volumi ta' finanzjament u nfiq għall-proġetti skond il-pajjiż kif ukoll assistenza teknika u operazzjonijiet ta' kapital ta' riskji. B'kunsiderazzjoni ta' l-effetti fil-livell ta' proġett, settur, dak reġjonali u ta' pajjiż, l-evalwazzjoni ser tibbaża l-konklużjonijiet tagħha fuq:

- a. l-evalwazzjoni appfondita tar-relevanza, il-prestazzjoni (effikaċja, effiċjenza u sostenibbiltà) ta' l-operazzjonijiet tal-BEI kontra l-oġettivi reġjonali speċifiċi kif oriġinarjament stipulat fi ħdan il-linji politiċi esterni rilevanti ta' l-UE kif ukoll tal-valur miżjud tagħhom (din għandha titwettaq f'assoċjazzjoni ma' l-unità ta' evalwazzjoni tal-BEI u s-servizzi tal-Kummissjoni);
- b. il-valutazzjoni tal-konsistenza mal-linji politiċi esterni u l-istrateġiji rilevanti ta' l-UE u ta' l-addizzjonalità u l-valur miżjud ta' l-operazzjonijiet tal-BEI fl-ewwel snin tal-mandat 2007-2013 fil-qafas ta' l-oġettivi reġjonali speċifiċi fil-mandat 2007-2013 u ta' l-indikaturi korrispondenti ta' prestazzjoni li se jrin jiġu stabbiliti mill-BEI (li ser issir f'assoċjazzjoni ma' l-unità tal-BEI ta' evalwazzjoni u mas-servizzi tal-Kummissjoni).

F'dan il-valutazzjonijiet, l-operazzjonijiet tal-BEI ta' valur miżjud ser jiġu mkejla kontra tliet elementi: l-appoġġ ta' l-oġġettivi tal-politika ta' l-UE, il-kwalità tal-proġetti stess u s-sorsi alternattivi ta' finanzjament:

- a. analiżi tal-ħtiġijiet finanzjarji tal-benefiċjarji, il-kapaċità ta' assorbiment tagħhom u d-disponibbiltà ta' sorsi oħra ta' finanzjament privat jew pubbliku għall-istrumenti rilevanti;
 - b. il-valutazzjoni tal-koperazzjoni u l-koerenza ta' azzjonijiet bejn il-BEI u l-Kummissjoni;
 - ċ. il-valutazzjoni tal-koperazzjoni u s-sinerġiji bejn il-BEI u istituzzjonijiet u aġenziji finanzjarji internazzjonali u bilaterali.
-